MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2015

Citazzjoni Numru. 266/2013

Corinne **WARD**

vs

***FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES*** u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern fil-kwalita' tiegħu bħala Suprintendent tas-Saħħa Pubblika

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, imxew magħha b'mod abbużiv, illegali u diskriminatorju meta l-Bord li mexxa l-intervisti tal-kandidati għall-ħatra ta' *Director of Nursing* wara s-sejħa għall-applikazzjonijiet Numru 118/2012 (MPO/148/2007/16) minn rajh bidel il-kriterji mitluba fl-istess sejħa għall-applikazzjonijiet waqt l-istess intervisti u sabha mhix eliġibbli għall-għażla fil-ħatra tal-kariga msemmija, u dan minkejja li hija kellha l-kwalifiki kollha mitluba fl-istess sejħa; (b) tordna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex jerġgħu jqisu l-applikazzjoni tagħha u b'hekk tkun impjegata fil-kariga ta' *Director of Nursing* fl-Isptar Mater Dei, u dan ġaladarba hija tissoddisfa l-kriterji kollha mitluba fis-sejħa fuq imsemmija; (ċ) fin-nuqqas li jiġri dan, issib li l-imħarrkin ikkaġunawlha danni minħabba li mxew magħha b'mod diskriminatorju meta l-Bord tal-Għażla minn rajh qabad u bidel il-kriterji tal-għażla waqt li kien qiegħed jagħmel l-intervisti; (d) tillikwida d-danni li ġarrbet minħabba d-deċiżjoni abbużiva u illegali tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom, kif sejra tipprova waqt is-smigħ tal-kawża; u (e) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Tabib Prinċipali tal-Gvern fit-12 ta' April, 2013, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex tressqet f'anqas minn għaxart (10) ijiem min-notifika lilu ta' ittra uffiċjali li hija bagħtitlu fl-14 ta' Marzu, 2013, u dan bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-mertu, laqa' billi qal li skond is-sejħa għall-applikazzjonijiet inħarġet mill-Fondazzjoni mħarrka li kienet taqa' taħt il-Ministeru u kienet l-istess Fondazzjoni li nediet u mexxiet il-proċeduri taħt l-imsemmija sejħa. Żied jgħid li huwa b'ebda mod ma kien imdaħħal fil-proċess tal-għażla, u dan la bħala parti mill-Bord tal-Għażla u lanqas fit-tfassil tas-sejħa nnifisha, u għalhekk mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fid-19 ta' April, 2013, bil-lista dettaljata tax-xhieda li fi ħsiebha tressaq matul il-kawża;

Rat-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Fondazzjoni imħarrka fid-19 ta' April, 2013, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex qabel ma nfetħet il-kawża l-attriċi naqset li tħares l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ma ressqitx l-interpellazzjoni uffiċjali kif jitlob dak l-artikolu. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-pretensjonijiet tal-attriċi ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt għaliex id-deċiżjoni meħuda minnha, permezz tal-Bord tal-Għażla maħtur minnha, kienet waħda tajba, *intra vires* u għal kollox fil-qafas tal-parametri tad-diskrezzjoni li tista' twettaq hi u l-istess Bord maħtur minnha. Laqgħet ukoll billi qalet li t-tieni talba ma tistax tintlaqa' għaliex għall-mili tal-kariga ta' *Director of Nursing* ingħażel ħaddieħor. Temmet tgħid li l-attriċi trid tipprova kif jixraq kull pretensjoni tagħha dwar id-danni mġarrba;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fl-24 ta' Mejju, 2013, li mehmuża magħha kien hemm ix-xhieda tagħha b'affidavit u prova dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2013, li bih u wara d-dikjarazzjoni li saret mill-avukati preżenti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull waħda mill-partijiet imħarrkin, ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni preliminari qabel kull ħaġa oħra;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull waħda mill-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi tilmenta li l-Bord tal-Għażla maħtur biex imexxi l-għażla ta' sejħa għall-applikazzjonijiet imnedija mill-Fondazzjoni mħarrka mexa bi ksur tal-liġi, b'mod abbużiv u b'diskriminazzjoni magħha meta bidel minn rajh il-kriterji tal-għażla kif mitluba fl-imsemmija sejħa. Trid li l-Qorti tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex jerġgħu iqisu l-applikazzjoni tagħha u jagħżluha fil-ħatra li għaliha applikat. Trid ukoll li, jekk kemm-il darba dan ma jistax isir, l-imħarrkin, jew min minnhom, iħallsuha d-danni bħala kumpens għall-mod ħażin li bih imxew magħha;

Illi għal din l-azzjoni, iż-żewġ imħarrkin laqgħu, fost l-oħrajn, b'eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi ma tiswiex. Dan qaluh fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar azzjonijiet imressqa kontra l-Gvern;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni preliminari;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f'xi żmien matul Lulju tal-2012, il-Fondazzjoni mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "FMS") nediet sejħa għall-applikazzjonijiet ta' Direttur tal-Infermiera ("*Nursing Director*") fl-Isptar *Mater Dei*;

Illi biex iwettaq il-proċess tal-għażla, FMS ħatret Bord tal-Għażla magħmul minn erba' persuni. Għall-imsemmija sejħa wieġbu għaxar (10) persuni, fosthom l-attriċi;

Illi waqt li kien għaddej il-proċess tal-għażla, l-Bord sejjaħ lill-attriċi għal intervista għad-19 ta' Settembru, 2012, biex jitlob mingħandha xi kjarifiki. Fil-bidu tal-laqgħa, l-Bord għarraf lill-attriċi li ma kenitx tissoddisfa r-

rekwiżiti kollha tas-sejħa. Madankollu, matul l-intervista sarulha mistoqsijiet minn uħud mill-membri tal-istess Bord;

Illi wara li ntemmet l-intervista, il-Bord għarraf lill-attriċi li ma kellhiex il-kwalifiki biex tista' tingħażel għall-kariga msemmija fis-sejħa;

Illi dakinhar stess, l-attriċi kitbet lill-FMS biex tipprotesta kontra dak li ġara waqt l-intervista u dwar ċirkostanzi oħrajn marbuta mal-kompożizzjoni u l-imġiba tal-membri tal-Bord li ntervistaha;

Illi b'ittra tat-2 ta' Ottubru, 2012, FMS bagħtet tgħarraf lill-attriċi li kienet ingħatatilha spjegazzjoni sħiħa mill-Bord maħtur minnha u li ma kienx hemm għalhekk raġuni għaliex l-istess Bord kellu jibdel il-fehma tiegħu;

Illi l-attriċi ressqet ilment mal-*Ombudsman* li ta l-fehma tiegħu, favur l-ilment tagħha, f'rapport maħruġ fit-18 ta' April, 2013;

Illi fl-14 ta' Marzu, 2013, l-attriċi ressqet ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin biex titlobhom jerġgħu jaraw l-applikazzjoni tagħha u jagħtuha l-ħatra li għaliha kienet eliġibbli u li dwarha kienet applikat, u talbithom ukoll jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li ġarrbet. L-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju fl-20 ta' Marzu, 2013;

Illi, sadattant, l-attriċi kienet fetħet din il-kawża fit-18 ta' Marzu, 2013;

Illi xieraq li biex il-Qorti tqis sewwa l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami, jsiru l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin magħha. Dan qiegħed jingħad għaliex iż-żewġ imħarrkin qajmu l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi marbuta mal-istess artikolu tal-liġi, iżda dan għamluh b'mod li jidher li wieħed iwaqqa' lill-ieħor. Jidher, iżda, li l-qofol tal-eċċezzjoni tagħhom hi li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex, meta l-attriċi fetħet il-kawża, ma kinux għadhom għaddew għaxart (10)

ijiem minn meta huma kienu laqgħu n-notifika tal-ittra uffiċjali li ressqet fl-14 ta' Marzu, 2013;

Illi l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li "*…ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita' jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar*". Fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu, hemm lista ta' proċedimenti li ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1). L-azzjoni mibdija mill-attriċi ma taqax taħt waħda minnhom, u għalhekk jgħodd għaliha s-sub-artikolu (1) sewwasew minħabba l-kwalita' taż-żewġ imħarrkin;

Illi bħala linja ġenerali ta' dritt illum aċċettat, tajjeb jingħad li sa minn mindu l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-liġi proċedurali fl-1981, dejjem inżamm li, fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi awtorita' pubblika, huma biss l-azzjonijiet li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu 460(2) ta' dak l-artikolu li ma jaqgħux taħt il-morsa tas-subartikolu 460(1). Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja **u** l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;

Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubblika. Minħabba f'hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas

jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*;

Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni;

Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita' li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom – ma għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittex id-drittijiet tiegħu fil-qrati;

Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li titlob il-liġi. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew awtorita' li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija. Il-liġi titlob ukoll li l-pretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar";

Illi din il-Qorti tqis li, fil-każ li għandha quddiemha, l-att (jiġifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi 'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas waħdu ma jservix biex dak li ma jiswiex iġibu jiswa, imma jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt jirriżulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita'. Jiġifieri l-fatt waħdu li r-Reġistratur tal-Qorti (forsi bla ma biss intebah li qiegħed imur kontra dak li tgħid il-liġi) laqa' għandu u mexxa 'l quddiem ir-Rikors Maħluf tal-attriċi ma jġibx jiswa dak li b'rieda espressa tal-liġi ma jiswiex sa mill-bidu tiegħu;

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li ma jħarisx b'reqqa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460,

mhux biss huwa null imma inesistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu. Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom;

Illi waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur tal-attriċi seħaq li, għalkemm huwa minnu li l-kawża nfetħet qabel ma laħqu għaddew l-għaxart ijiem minn dakinhar li l-imħarrkin kienu laqgħu n-notifika tal-ittra uffiċjali tagħha, l-kawża kellha tabilfors tinfetaħ minħabba ż-żminijiet ta' dekadenza li l-liġi tqiegħed fuq min irid jiftaħ kawża taż stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Żied jgħid li f'dan il-każ, l-għan tal-artikolu 460 kien intħalaq għaliex l-imħarrkin kienu ilhom jafu bil-kwestjoni mqajma mill-attriċi, tant li l-każ kien tressaq quddiem l-Ombudsman sa minn xi żmien qabel;

Illi huwa sewwasew minħabba l-fatt li l-kwestjoni kien ilha magħrufa minn kull min kien imdaħħal fiha (magħduda l-attriċi) sa minn Settembru tal-2012 li l-argument tal-għaref difensur tal-attriċi jiddgħajjef. Għaliex ladarba FMS għarrfet lill-attriċi li ma kenitx sejra taqleb il-fehma tal-Bord dwar l-għażla tagħha fil-ħatra, kien mistenni mill-attriċi li tara li ma tħallix it-terminu ta' dekadenza biex tiftaħ l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju skond l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jasal biex jagħlaq qabel ma tħares dak li tistabilixxi l-liġi fl-artikolu 460 tal-istess Kodiċi. Huwa magħruf li l-artikolu 460 ma jistax u mhuwiex maħsub li jtawwal iż-żmien maħsub fl-artikolu 469A, iżda daqstant ieħor m'għandux ikun li minħabba ż-żmien ta' dekadenza maħsub fl-artikolu 469A parti tittraskura l-jeddijiet tagħha biex b'hekk, meta ssib li ż-żmien wasal biex jagħlqilha, telimina t-tħaddim tal-artikolu 460;

Illi f'dan il-każ, l-attriċi kellha żmien biżżejjed biex ma tqegħidx lilha nnifisha fil-morsa tal-għeluq taż-żmien biex tiftaħ il-kawża bi ksur tal-liġi. Wara kollox, hija xorta waħda fetħet din il-kawża qabel ma l-Ombudsman kien ta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar il-każ tagħha u, għaldaqstant, l-

argument li l-imħarrkin kienu jafu bil-kwestjoni minħabba dik il-proċedura quddiem l-Ombudsman jgħodd għall-attriċi wkoll;

Illi l-Qorti qieset ukoll jekk l-azzjoni attriċi tistax titqies "imfejqa" jew "sanata" bit-tħaddim tat-tejorija tal-*jus superveniens*. Imma l-fehma tagħha hi li lanqas din it-tejorija ma jidher li tista' tkun ta' fejda għall-attriċi. Dan jingħad għaliex "*ir-regola tal-'jus superveniens' tapplika biss fil-każijiet tipiċi u limitati ta' iskadenza tat-terminu jew tal-verifika ta' xi kundizzjoni wara ċ-ċitazzjoni u mhux f'każijiet fejn il-kwistjoni tkun strettament marbuta mal-mument taċ-ċitazzjoni*". Minbarra dan, fil-każ tal-lum, minħabba li, fi kliem il-liġi, att ġudizzjarju li ma jħarisx kif imiss id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 huwa wieħed null "*ab ovo*", lanqas jista' jingħad li l-jedd tal-attriċi ħa l-ħajja wara li għaddew l-għaxart ijiem min-notifika lill-imħarrkin tal-ittra ġudizzjarja tagħha;

Illi minħabba f'dan kollu, l-Qorti tasal biex issib li l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrkin hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' kull waħda mill-partijiet imħarrkin u ssib li l-azzjoni mibdija mill-attriċi ma tiswiex għaliex saret bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;u

**Teħles** lill-imħarrkin milli jibqgħu aktar fil-kawża bi **spejjeż** għall-attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------